# IL-MOĦRIET

Il-għodda tal-bdiewa tagħna mnissla minn dik ta' l-ewwel nies li ħadmu dawn l-artijiet u ftit u xejn tbiddlet, m'hux għax, kif igħidu, il-bidwi rasu jiebsa u ma jridx jitgħallem, imma għax għal eluf ta' snin sabuha tajba u taqbel mal-biedja u ma' dak li jinħtieġ fil-gżejjer. Għodda tajba, irħisa, qawwija, tinkedd ftit u ħafifa għax-xogħol, taqbel għal idejn kullħadd, żgħażagħ u xjuħ, għorrief u boloh. Xi trid aktar? Barra, naf, għandhom għodod akbar, ileqqu kollha azzar, jaħdmu bil-magni. Dawn maħluqin għal artijiet kbar, ħamrija kemm trid, bdiewa ftit u xogħol jiebes u li ma tilħaqx miegħu jekk ma jkollokx għodda li taqgħilek. Artijiet oħra għodda oħra. Dak li għandna, għalina biż-żejjed għax sal-lum ħdimna r-raba' kif inhu xieraq u ħadna egħlejjel minn l-aħjar li jista' jâti r-raba' tagħna. Aħjar ma nistgħux nagħmlu b'għodda oħra u għalhekk ma għandniex xi ngemgmu. Għodda tajba għandu l-bidwi Malti u ta' min ifaħħarha.

Il-ġimgħa li ħarġet kont ħdejn Ġanni li kien qiegħed jaħrat il-ġonta tiegħu.

—X'moħriet għandek, għidtlu, naħseb li jəf lil nannuk.

—Hekk hu, wieġeb Ġanni li ġie jixxotta l-għaraq bil-maktur taż-żejt li kellu mifrux taħt il-kappell tat-trizza biex jagħmillu irwieħ.

—Dejjem nafu għandna dal-moħriet, għax aħna nibżgħu għaliha l-għodda.

—Dejjem kont bix-xewqa li nitgħallem l-isem ta' kull biċċa fil-moħriet, issa li ma għandekx x'tagħmel fehemni ftit jekk ma tiddejjaqx.

—Niddejjaq għala? Il-qalba tal-moħriet hi magħmula minn dak iz-zokk oħxon mimdud li ngħidulu l-*bejta* (A), li minn wara maqtugħ għat-tond u ngħidulu *tinet-il-bejta*. Il-quddiem mislut bħal ilsien ta' suffara u għalhekk jissejjaħ *ilsien* li, biex jikser it-tub u jiżloq fil-ħamrija, jiġi miksi bl-azzar.Dak il-għant ta' l-azzar ingħidulu *s-sikka* (B), li tidħol fil-wisa' fil-lsien u fl-aħħar daqsxejn imgħawġa l-isfel ħalli tidħol aħjar fit-trab. Min-nofs il-bejta toħroġ il-fergħa l-ħoxna, qawwija u mgħawġa minnha għax magħżula mis-siġra biex tkun sħiħa u safja. Daz-zokk ingħidulu *s-sehem* (C), imwaħħal, kif tara, fil-bejta, marbut minn kullimkien biex fix-xogħol ma jiċċaqlaqx. Fil-bejta tiegħu miżmum minn *żrier* qawwi,—musmar tal-għuda li jorbtu mill-qiegħ—u mirfud minn biċċa

oħra li tinżel minn ġo fih u teħel f'toqba oħra tal-bejta. Dan hu dak li ngħidulu *s-sejf*(D), imwaħħal tajjeb fit-toqba tal-bejta u marbut mas-sehem bi *żrier* ieħor *(iż-żrier tas-sejf.)* (E) Hekk is-sehem jiġi qisu biċċa waħda mal-bejta u hekk irid ikun għax mal-fergħa rqiqa tiegħu tintrabat il-bhima.

## Il Moħriet




| | | | |
|---|---|---|---|
| A | il-bejta | H | id-drieġħ |
| B | is-sikka | I | il-ħatuħa |
| C | is-sehem | K | il-leħja tal-ħatuħa |
| D | is-sejf | L | il-katrun |
| E | iż-żrier tas-sejf | M | il-musmar tal-katrun |
| F | il-kavilja tad-drieġħ | N | il-kontri tat-taranti |
| G | il-kavilja tas-sehem | | |

"Biex il-ħarrat imexxi l-ħart kif irid, jieħu f'idu dil-fergħa li tinżel dritt u teħel f'tinet-il-bejta, f'toqba maqtugħa għaliha u msammra bil-kavilja tagħha. *Id-drieġħ* (H), għax hekk tissemma' dil-biċċa, qisu t-tmun tad-dgħajsa. Il-bidwi jaħfnu minn biċċa għuda li teħel fil-bidu tiegħu u tissejjaħ *il-ħatuħa* (I), milwija nitfa l-isfel biex ma tiżloqx fl-id u ngħidulha *il-leħja tal-ħatuħa* (K). Il-ħatuħa mirfuda bil-feles tagħha, imsejħa l-*kavilja tal-ħatuħa*.

"Biex il-bhima tiġbed il-moħriet tintrabat bil-ħbula mat-tarf tas-sehem fejn teħel biċċa li ddur fuq nofsha, imsejħa il-*katrun* (L). Il-katrun, twil xi xibrejn, jeħel bi żrier tal-ħadid imsejjaħ *il-musmar tal-katrun* (M). Hawn irbit imlaħlaħ biex il-katrun idur ħafif u l-bhima ma ikunx imxekkla fil-mixi.

"Fit-truf tal-katrun hemm vajlori tal-ħadid, ingħidulhom *il-kontri* (N) li fuqhom jintrabtu l-ħbula tal-bhima, *it-taranti*.

—Hemm għandek vajlora nieqsa, għedt lil Ġanni, għax f'tarf wieħed hemm tnejn u fl-ieħor hemm waħda biss.

—Lê, qal Ġanni bid-daħka, dak hekk imur. Għax mita naħrat fil-wisa' norbot il-bhima maż-żewġt itruf, mita nersaq mal-ħajt il-katrun jaħbat u jien ma nistâx naħrat aktar il-ġewwa. It-telf ma jkunx, għalhekk billi l-katrun f'tarf wieħed għandu żewġ kontri, inwaħħal il-ħbula fihom u l-katrun indawru taħt is-sehem u hekk nista' nersaq taħt il-ħajt bla ma nħokk miegħu.

—Maħsuba, għidtlu. U mita taħrat biż-żewġ?

—Dik ħaġ'oħra. Il-moħriet tista' tgħid huwa wieħed imma jrid iż-żjieda biex torbot żewġ bhejjem. Tarax, irid jitwal is-sehem. L-ewwel tiżdied biċċa li ngħidula l-*wasla* B twila mas-sitt piedi. Din tintrabat sħiħ ma' tarf il-wasla b'żewġ *vajlori* F tal-ħadid u b'żewġ imsiemer jew *żririjiet* D. Billi dil-wasla trid togħla minn l-art biex tlaħħaq mal-bhejjem, bejnha u bejn is-sehem intuha *feles* E. Ma' tarf il-wasla nżidu biċċa oħra li tissejjaħ *id-debba* C, twila ma' l-erba' piedi. Dazzokk jintrabat mal-wasla b'żewġ vajlori u b'żewġt *iżrieriet* ukoll. Dan hu l-moħriet taż-żewġ. Issa flok il-katrun għandna biċċa għodda oħra, għandna l-*madmad* H. Dal-madmad, twil mas-seba' piedi u nofs, tal-għuda maqtugħ ċatt mill-għoli, fin-nofs, il-midda hija ta' xi ħames piedi u nitfa mħattba il fuq. Fit-truf li jaħbtu fuq għonq il-bhejjem, jispiċċaw b'liwja li tissejjaħ *il-keffa* I u għalhekk il-madmad igħidulu *ta' żewġ kifef*.

"Mita jintrama' l-madmad jintelaq fuq għonq il-bhejjem. Kull keffa għandha żewġ toqob biex igħaddi ħabel li jżomm il-*maħanqa* K—faxxa tal-kotnina ħoxna li tintrabat ma' dwar għonq il-bhima biex il-madmad iżomm u ma jaqâx.

—U l-madmad kif jorbot mal-moħriet?

—F'nofs il-madmad tintrama għollieqa tal-ħabel mitni ħamsa jew sitt darbiet, mhux rabta sħiħa, għollieqa mlaħalħa biex tista' titmexxa 'l hawn u 'l hinn. Din tissejjaħ *ix-xriek* M. Fit-tarf t'isfel tax-xriek tidħol bħal nagħla ta' żiemel tal-għuda li tibqa' mdendla miegħu. Din igħidulha *x-xbejju* N. Iż-żewġt itruf tax-xbejju li, għalkemm ma jmissux ma' xulxin,

għandhom tisriġ ta' siegla rqiqa, li jiġi jagħlaq, id-dawra. Biex il-għollieqa tax-xbejju ma toqgħodx tilgħab għandha *kavilja* kull naħa (*il-kavilji tax-xbejju* o. Ara fejn aħna. Il-bhejjem wieqfa bil-madmad fuq għonqhom, il-moħriet jiġi bejniethom u t-tarf tad-debba jidħol ġewwa x-xbejju. Issa rridu norbtu d-debba max-xbejju u nkunu wasalna.

"Id-debba fiha tliet toqbiet (*it-tliet toqob tal-ħaliel* G) waħda wara l-oħra biex wieħed jista' jiġi fil-qies li jrid. Mita jara li wasal fit-tul li jmissu, il-bidwi jdaħħal qisu musmar kbir tal-għuda f'waħda mit-toqob u jibqa' dieħel fit-tisriġ tas-




A il-moħriet
B il-wasla
C id-debba
D iż-żrier
E il-feles
F il-vajlori
G it-toqob tal-ħaliel
H il-madmad
I il-keffa
K il-maħanqa
L it-timjiliet
M ix-xriek
N ix-xbejju
O il-kavilji tax-xbejju
P it-toqob ta' l-egħkies
Q il-ħaliel

siegla ta' tarf ix-xbejju, dik hi r-rabta kollha. Dal-musmar tal-għuda jgħidulu il-*ħaliel* Q. Il-ħaliel jorbot kollox u kif tara int tarbija tista' tarma l-moħriet taż-żewġ.

—Għidli Ġann, kulltant nara żewġ bhejjem jaħartu li m'humiex imdaqs, x'tagħmlu biex il-ħrit isir sewwa?

—Hekk hu, imma għal dan ħsibna wkoll. Jekk tħares sewwa lejn il-madmad issib li x-xifer ta' fuq għandu bħal żewġ darsiet maqtugħa fih li jagħmlu tliet ħofriet li jissejħu *it-timjiliet tal-madmad* L.

Ix-xriek jidħol f'waħda minn dawn it-timjiliet, f'tannofs mita l-bhejjem huma ta' saħħa waħda. Mita waħda mill-bhejjem tkun ftit dgħajfa il-ħarrat iressaq ix-xriek fil-ħofra li tiġi lejn il-bhima l-oħra u hekk inaqqas ix-xogħol tal-waħda u jżidu fuq l-oħra.

—Deherli li rajt ma' ras il-bhejjem xi siegla marbuta bħal kappestru, jew rajt ħażin?

—Rajt tajjeb. Ħabel irqiq marbut ma' ras il-bhima jgħaddi minn toqba li hemm fil-madmad. Hemm żewġ *toqob* imsejħin *ta' l-egħkejjes* P, waħda kull naħa. Il-ħabel jinżamm f'id il-ħarrat biex jekk il-bhima taħbat iddawwar rasha u ma' tiġbidx dritt, irażżanha minnufih u jġagħelha timxi sewwa.

—U xi daqqa kulltant ma jfarfarx mita l-bhima taħbat tiddejjaq?

—Il-bhejjem u t-tfal ma jitgħallmux minngħajr il-ħatar, u ħatar, il-ħarrat, għandu dejjem f'idu. F'tarf il-ħatar imwaħħal nitfa ta' rumnell, għax il-frosta tilħaq aktar mill-ħatar. Fl-istess ħin fit-tarf l-ieħor tal-ħatar teħel barraxa tal-ħadid biex min jaħrat inaddaf is-sikka tal-moħriet minn dak li jeħel magħha, ħamrija, egħruq u x'naf jien. Dil-barraxa tissejjaħ il-*għatla*.

—Smajt lil Dovik isemmi *ħalq il-moħriet*: dan xikun?

—Jissejjaħ ħalq il-moħriet il-wisa' bejn is-sehem u l-bejta li daqqa tkun miftuħa wisq u daqqa tkun dejqa, għax billi l-moħriet maħdum minn zokk ħaj ma jista' jkun qatt li jkun daqs wieħed,

—Ġann, kull ma għedtli niktbu għax ftit hawn li jafu dan kollu fuq il-moħriet.

—Dan x'fih tikteb? Ma hawnx bidwi l-aktar ħmar li ma jafx dak li semmejtlek, meta trid taf xi ħaġa ersaq u dak li trid, jekk issibni, tiegħek jien.

—F'ħajjietek Ġann, narġa' niġi ma ndumx, saħħa u l-barka.

—Saħħa xbin. **T. Z.**